A.L. 2 ta' l-2002

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kaċċa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bi-artikolu 214 tal-Kodiċi tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern u l-Ministru ta' l-Ambjent għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzji tal-Kaċċa, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda, mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Licenzi tal-Kaċċa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 145 ta' l-1993.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Dicembru, 2001.

Ħassar A.L. 332 ta' l-2001.

2. Ir-Regolamenti ta' l-2001 li jkomplu jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzji tal-Kaċċa, ippubblikati bl-Avviż Legali 332 ta' l-2001, huma mħassra u għandhom jitqiesu li qatt ma kellhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-regolamenti principali; u r-regolamenti prinċipali għandhom jitqiesu li qatt ma ġew emendati b'dawk ir-regolamenti.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok is-subregolament (4) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:-

"(4) Kull persuna li tkun trid iġġedded il-liċenzja għall-kaċċa ta' l-għasafar għandu jkollha rakkomandazzjoni maħruġa minn organizzazzjoni kostitwita skond il-liġi li tkun tirrappreżenta lill-kaċċaturi, u li tkun valida għal dik is-sena ta' tiġdid:

Iżda organizzazzjoni kostitwita skond il-liġi li tkun tirrappreżenta lill-kaċċaturi u li toħroġ ir-rakkomandazzjoni msemmija f'dan is-subregolament, tista' toħroġ biss dik ir-rakkomandazzjoni lil applikant li jkun sar membru, jew ġġedded is-sħubija tiegħu bħala membru, fl-istess organizzazzjoni li toħroġ ir-rakkomandazzjoni u wara li dak l-applikant jkun mela kif imiss u ppreżenta lil dik l-organizzazzjoni il-

formola tal-Permess għall-Kaċċa u l-Insib, *Carnet de Chasse* , li kienet valida għas-sena ta' qabel.

(5) Organizzazzjoni kostitwita skond il-liġi li tkun tirrappreżenta lill-kaċċaturi u li toħroġ ir-rakkomandazzjoni msemmija fis-subregolament (4) ta' dan ir-regolament, għandha tiġbor il-formoli tal-Permess għall-Kaċċa u l-Insib, *Carnet de Chasse* u twassalhom lid-Direttur għall-Harsien ta' l-Ambjent, sa mhux aktar tard mit-8 ta' Mejju ta' kull sena.".